

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tal-15 ta' Diċembru 2020 li huwa ma jinħatarx fil-pożizzjoni [informazzjoni kunfidenzjali redatta] u li jinħatar fil-pożizzjoni [informazzjoni kunfidenzjali redatta] u, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens tad-dannu morali u materjali li huwa ġarrab minħabba l-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TM huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 391, 27.9.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2022 – Vanhoudt vs BEI

(Kawża T-490/21) (¹)

(“Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Reklutaġġ – Avviż ta’ pożizzjoni vakanti – Ċaħda ta’ kandidatura – Nomina ta’ kandidat ieħor – Obbligu ta’ motivazzjoni – Irregolarità tal-proċedura ta’ reklutaġġ – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Responsabbiltà”)

(2023/C 63/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: T. Gilliams, G. Faedo u K. Carr, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) tas-16 ta' Diċembru 2020, li permezz tagħha dan ċaħad il-kandidatura tiegħu għal pożizzjoni fil-livell 6/5-D/E, u tad-deċiżjoni li permezz tagħha dan innomina lill-kandidat magħżul għal din il-pożizzjoni u, min-naħa l-oħra, kumpens għad-dannu li allegatament ġarrab minħabba dawn id-deċiżjonijiet.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Patrick Vanhoudt huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 422, 18.10.2021.